# <u>Gvern dinamiku li kapaċi jiffaċċja l-isfidi b'kuraġġ</u>

Dan hu Gvern dinamiku li ffaċċja l-isfidi li sab quddiemu b'kuraġġ u qatt ma ddispjaċih li investa fin-nies, fit-teknoloġija ta' l-informazzjoni, fl-edukazzjoni, fl-ambjent, fit-toroq ta' l-ibliet u ta' l-irħula tagħna u fi proġetti li ħolqu l-impjiegi u fi proġetti oħrajn li sebbħu lill-pajjiżna.

Il-Viċi Prim Ministru u Viċi Kap tal-PN Tonio Borg qal dan il-bieraħ waqt il-ftuħ ta' l-aħħar sessjoni tal-Kunsill Ġenerali bit-tema 'Ġejjieni fis-Sod.'

Tonio Borg qal li l-Gvern immexxi mill-PN kontinwament iwettaq ir-riformi u Alfred Sant – li kemm ilu mexxej tal-Partiti Laburista għal 14-il sena sħaħ tilef żewġ elezzjonijiet ġenerali u referendum – jikkritika biss bla ma joffri soluzzjonijiet. Din hi politika żbaljata li mexa biha qabel u li qed jimxi anke llum.

Min-naħa tiegħu l-PN għandu ambizzjoni li jagħti kwalita' aħjar ta' ħajja lill-poplu kollu. L-ambizzjoni ta' l-Opożizzjoni hi biss li jikseb il-poter.

Il-Viċi Prim Ministru qal li l-PN irid jirbaħ l-elezzjoni ġenerali li jmiss fuq dak li kiseb għal pajjiżna matul is-snin li għaddew.

Fakkar li fl-informatika l-Gvern Nazzjonalista kien sab baħħ u issa Malta hi fost l-aktar pajjiżi avvanzati fl-UE. Dwar l-edukazzjoni qal li meta l-MLP kien fil-Gvern wettaq  biss studji. Gvern Nazzjonalista wettaq proġetti kbar ta' bini ta'skejjel ġodda u qed jimmodernizza skejjel oħra, waqqaf l-MCAST li tant kien suċċess, fetaħ beraħ il-bibien ta' l-Universita' għal kulħadd. Fakkar li fis-sentejn li l-MLP għamel fil-Ġvern bejn l-1996 u l-1998 ma għamel l-ebda reklutaġġ ta' pulizija ġodda waqt li l-Gvern Nazzjonalista fetaħ reklutaġġ ta' pulizija ġodda kull sena.

Il-Viċi Prim Ministru fakkar fil-ħidma favur l-anzjani u fl-investiment qawwi li sar f'San Vincenz de Paul bil-bini ta' swali mill-isbaħ kif ukoll b'aktar djar għall anzjani fl-irħula. Fil-qasam tas-saħħa kompla l-investiment fl-isptar il-ġdid Mater Dei. Qed isiru record ta' operazzjonijiet b'medja ta' 80 operazzjoni kuljum kif ukoll isiru kwart ta' miljun żjara fl-*Out Patients* hekk kif l-Organiżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa poġġiet lil Malta fil-Ħames post fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Tonio Borg qal li qed issir bidla fit-toroq ta' pajjiżna b'aktar minn 20 kilometru ta' toroq arterjali ġodda f'Malta u toroq oħra f'Għawdex. Saru madwar 400 triq residenzjali u toroq fl-oqsma industrijali.

Fakkar ukoll fil-polotika ta' oppożizzjoni mill-MLP dwar il-privatiżżazzjoni u kif il-Gvern kompla baqa' miexi bil-politika tiegħu u saret il-privatiżżazzjoni. Fost l-oħrajn tal-Port Ħieles bi ftehim li jsir investiment ta' 12-il miljin ewro, kollu mill-privat.

Tonio Borg fakkar kif qabel ir-referendum għas-sħubija ta' Malta fl-UE, Alfred Sant kien beżża' lill-Maltin li huma makku u li l-Ewropej se jiġru bina. Hu qal li Lawrence Gonzi ilu sentejn Prim Ministru u Kap tal-PN u rnexxielu jinnegozja mal-kapijiet Ewropej u ġab pakkett finanzjarju ta' 805 miljun ewro li 10 fil-mija minnhom se jmorru favur l-Għawdxin. Hu qal li l-PN għandu stima għolja tal-poplu Malti u qatt ma' qiesu bħala makku. Irnexxielu jdaħħal lill-Malta fl-UE u din is-sħubija issa qed tagħti l-frott.

Il-Viċi Prim Ministru qal li l-Gvern Nazzjonalista poġġa l-finanzi tal-pajjiż fis-sod, saħħaħ l-ekonomija u fil-baġitt li ġej se jisħaq fuq tliet prioritajiet. L-ewwel li ma jħalli lil ħadd barra u jgħin lil dawk l-aktar fil-bżonn; li jagħraf il-kontribut ta' dawk li b'ħilithom qatt ma kienu ta' piż fuq il-Gvern u li jinvesti fiż-żagħżagħ u f'dawk kollha li għandhom l-għatx għall-għerf permezz ta' l-edukazzjoni. Fuq dan it-trepied il-PN irid ifassal il-politika tiegħu sa l-elezzjoni li ġejja u anke wara.

Il-Viċi Prim Ministru qal li “wasal iż-żmien li nitilqu għall-ġirja lejn l-isfidi li jwasslu sa l-elezzjoni.

Tonio Borg qal li il-PN hu l-partit li dejjem kien fil-qalba tas-soċjeta’ Maltija u hekk se jibqa’, fil-qalba ta’ dak kollu li hu Malti u dak kollu li jagħmilna Maltin.